MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Numru. 655/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Neil Attard**

**Kumpilazzjoni Nru: 655/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Neil Attard, ta' 25 sena, bin Raymond u Rita nee' Cefai, imwieled Pieta' fit-30 ta' Dicembru 1983, residenti fil-fond numru 12, Triq il-Karmnu, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 34784(M).

Akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

1. Talli bejn l-01 ta' Novembru 2008 u t-08 ta' Lulju 2009, gewwa Zabbar u f'dawn il-gzejjer ta fastidju lil Maria Buhagiar u l-familjari taghha b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba kien ser jikkaguna fastidju fuq haddiehor u dan ai termini tal-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u aktar talli;

2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna biza' lil Maria Buhagiar u l-familjari taghha li ser tintuza vjolenza, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza' u dan ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u aktar talli;

3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi uza xi network jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss u dan ai termini tal-Artikolu 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi hedded bi kliem lil Maria Buhagiar u l-familjari taghha u aktar talli;

5. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi offenda lil Maria Buhagiar u l-familjari taghha u aktar talli;

6. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-artikoli 251A, 251B, 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 48(1)(d), gia 35(1)(d), tal-Kapitolu 399 tal-Ligijet ta'Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstema bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputazzjonijiet li bihom qed jigi addebietat l-imputat huma bazati fuq fatti li sehhew fil-perjodu meta huwa u l-parte civile Maria Buhagiar kienu ghadhom kif temmew ir-relazzjoni taghhom. Ghal perjodu qasir l-imputat u Buhagiar kienu f'relazzjoni, minn liema anke kellhom tarbija; ftit wara li twieldet it-tarbija Buhagiar temmet definittivament ir-relazzjoni taghha ma'l-imputat, haga li da parti tieghu jidher li dam hafna biex jaccetta.

Illi fil-fatt mill-atti jirrizulta li l-imputat u Buhagiar kienu dahlu f'relazzjoni u wara sitt xhur Buhagiar harget tqila; lejn l-ahhar tat-tqala (f'Novembru 2008) hija temmet ir-relazzjoni. Ftit gimghet wara li kellha t-tarbija Buhagiar u l-imputat irriconcilaw u regghu bdew joqghodu flimkien pero wara incident bejnithom fit-12 ta' April 2009 Buhagiar temmet ir-relazzjoni taghhom definittivament. Buhagiar tallega li l-imputat ma'accettax il-fatt li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet spiccat u dan wassal ghal hafna glied u argumenti bejniethom; lanqas ghal dak li kien jirrigwarda lil binthom ma setghu jiftehmu tant li kellhom jirrikorru ghal hafna proceduri gudizzjarji dwar kura u kustodja, u manteniment.

Illi minkejja d-dubbji li pruvat tqajjem id-difiza dwar il-verzjoni mghotija minn Buhagiar dwar dak li gara fit-12 ta' April 2009 u diversi dettalji ohra tal-fatti kif rakkontanti minn Buhagiar, mill-assjem tal-provi prodotti (inluz id-depozizzjoni tas-Supretendent Carmelo Bartolo u l-Ispettur Fabien Fleri) ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat dam hafna biex jaccetta li r-relazzjoni ma' Buhagiar kienet spiccat, hekk kif ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li r-reazzjoni tieghu ghal dan il-fatt (cioe it-terminazzjoni tar-relazzjoni) kienet wahda negattiva ghall-ahhar.

Illi jirrizulta ampjament li huwa kien baqa' jcempel u jibghat messaggi (sms's) lil Buhagiar meta din ma kienet halliet l-ebda dubbju li ma reditx terga' tidhol

f'relazzjoni mieghu. L-imputat wasal anke biex uza lil binthom bhala pretest biex jibqa jipprova jikkonvinci lil Buhagiar terga tidhol f'relazzjoni mieghu, jew biex ikompli jghajjarha u jheddieda meta hija tibqa tinsisti li ma riedtix kuntatt mieghu.

Ikkunisdrat

Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk dwar fastidju, u biza' ta' uzu ta' vjolenza fil-konfront ta' Maria Buhagiar u l-familjari taghha; cioe r-reati prospettati f'l-artikoli 251A u 251B rispettivament tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Raymon Parnis[1] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghamlet analizi approfondita tar-reati in ezami; dik il-Qorti qalet hekk:

*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 215C u 215D tal-Kodici Kriminali.*

*L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi*

[1] Deciza 18.06.2009.

*partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': "alarming" jew idejjaq: "causing distress" lill-persuna. .....*

*U mbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. ..... Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251(3)(a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor.*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna, ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu*

*dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz “stalking”. Dan l-agir jista’ jkun provokat minn diversi ragunijiet jew “patterns of behaviour”. Jezistu per ezempju kazijiet ta’ “rejected stalkers” fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-“rejection” mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta’ “resentful stalkers” li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. ......... Kull tip ta’ dan l-agir pero’ hu kalkolat li johloq certa biza’ f’ dak li jkun b’mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi. (ara App. Krim. “Il-Pulizija vs. A. Caruana Carabez” [21.6.2007]; “Il-Pulizija vs. Fabio Psaila” [12.2.2009] u ohrajn)*

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: ‘Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini” [26.22009], it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz “Harassment”) gie definit mill-Black’s Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-“Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose”. Dan l-element ta’ ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat “in isolation” b’ riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena w tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez” [21.6.07] :- “.... f’ kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq periodu ta’ zmien.”*

Illi, tenut kont ta’ dan l-insenjament, fid-dawl tal-provi processwali huwa car li bil-messaggi u telefonati kontinwi tieghu l-imputat kien qed idejjaq lil Maria Buhagiar, haga li huwa kien konxju taghha. Aktar minn hekk b’l-agir tieghu u

bil-kontenut tal-messaggi li kien qed jibghat, l-imputat ikkaguna biza’ f’ Maria Buhagiar li kienet ser tintuza vjolenza kontra taghha.

Illi ghalhekk l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-kontenut ta’ hafna mill-messaggi mibghuta lil Maria Buhagiar kien mhux biss offensiv imma kien anke inkludi theddied. Il-pulizija kemm il-darba fil-kors ta’l-interventi taghhom qalu lill-imputat biex ma jibqax jibghat dawn it-tip ta’ messaggi; l-imputat pero baqa’ jippersisti.

Illi ghalhekk anke ir-raba, l-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma pruvati.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f’l-artikolu 35(1)(d), illum rinumerat ghal 48(1)(d), tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta. Din id-dispozizzjoni tipprovdi kull persuna li:

> *tuża xi network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella tużah b’mod mhux kif imiss tkun ħatja ta’ reat ...*

Illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali kellha l-opportunita tippronnzja ruhha dwar dan ir-reat. Fis-sentenza mghotija nhar fil-kawza Il-Pulizija ve Etienne Calleja[2] intqal hekk:

*Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub inciz (1)(d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni ta’l-eiusdem generis, jidher car li is-subinciz (d) m’hu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta'*

*natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema b’l-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.*

*.......*

*Hu car ghalhek li l-kliem "ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u "jew tuzah b' mod mhux kif imiss" f' dan is-sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u*

[2] Deciza 22.08.2007.

*reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4). Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399.*

Illi dan il-principju baqa jigi japplikat u assodat mill-Qrati taghna tul is-snin b’mod li llum l-Kapitolu 399 jipprovdi b’mod specifiku ghal minn juza mezzi eletronici biex jdejjaq, joffendi jew jhedded lil haddiehor[3].

Illi fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat uza mezzi elettronici: il-mobile phone u l-internet (permezz tas-sit *facebook*), biex idejjaq, joffendi u jhedded lil Maria Buhagiar. Huwa car, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata li t-tielet imputazzjoni, kif dedotta, ma tistax tirrizulta.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. L-ewwel fattur bla dubbju ghandu jkun n-natura tar-reati li taghhom qed jinsab hati l-imputat u l-fedina penali ta’l-imputat; minnha jirrizulta li ghalkemm l-imputat kellu biss hamsa u ghxorin sena meta ghamel ir-reati mertu tal-proceduri odjerni huwa diga kien instab hati ta’ diversi reati ohra fil-passat. Aktar minn hekk jirrizulta mill-provi prodotti li fil-mori tal-proceduri huwa kiser il-kundizzjonijiet imposti f’l-ghoti tal-helsien mill-arrest (fil-proceduri odjerni) darbtejn billi kompla jdejjaq u jaghti fastidju lill-parte civile billi jaghmel kuntatt maghha kontra l-

[3] Dan peremzz tal-artikolu 49.

ordnijiet fuqu imposti. Min-naha l-ohra pero jidher li ricentmement kien hemm kambjament f'l-attitudni ta' l-imputat fis-sens li donnu qed jibdel l-atteggjament tieghu fil-konfront tal-parte civile.

Illi l-Qorti necessarjament trid tiehu in koniisderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat u l-parte civile ghandhom tifla u xi kuntatt bejnithom bil-fors irid ikun hemm, anke f'l-interess ta' l-istess minuri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli l-artikoli 251A, 251B, 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u taghhom tikundannah erbgha (4) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412C ta'l-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Maria Buhagiar u għaż-żamma ta'l-ordni pubblika qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' protezzjoni bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €428.84 rapprezentanti spejjez rinkorsi fil-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk ikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------